# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1157/13/1 SM**

**Allfreight Limited (C – 3690)**

**v.**

**Palm Shipping Agency Limited (C – 9712)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Novembru, 2015 (minn issa 'l quddiem imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-kumpanija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "PSA") u sabet li l-azzjoni attriċi ma kinitx sostenibbli, li kienet waqgħet bil-

preskrizzjoni maħsuba fl-Artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u li kienet milquta mill-ġudikat. Ordnat ukoll li l-kumpanija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-appellanti") tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Fl-azzjoni tagħha, l-appellanti kienet talbet li l-ewwel Qorti ssib li PSA kellha tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnha wara li f'kawża maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[1], l-appellanti kienet kundannata tħallas is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u sittax-il ċenteżmu (€13,827.16), rappreżentanti danni kawżati minn telf u ħsara f'konsenja ta' *laptop computers* li l-appellanti kienet ħatret lil PSA biex iġġorrohom mill-Amerika sa Malta. PSA kienet issejħet fil-kawża f'dawk il-proċeduri, imma l-Qorti kienet sabet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

3. PSA kienet laqgħet għall-azzjoni billi, fost l-oħrajn, qalet li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex hija legalment insostenibbli u hija fiergħa u vessatorja għaliex sentenza mogħtija minn Qorti ma tistax isservi biex il-parti telliefa f'każwa tgħodd dak it-telf bħala dannu li tista' tgħabbi bih lil ħaddieħor. Minħabba f'hekk, hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tal-appellanti lanqas f'din il-kawża. Laqgħet ukoll billi qalet li, f'kull każ, l-azzjoni tal-appellanti kienet waqgħet bil-preskrizzjoni kif maħsuba fl-Artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, u li l-pretensjonijiet tagħha

[1] Fil-kawża Nru. 401/04JPG fl-ismijiet "*GasanMamo Insurance Ltd et v. Allfreight Limited et* maqtugħa fil-11.11.2013 paġġ 113 sa 130 tal-proċess (u li minnha ma kienx sar appell)

jiffurmaw ġudikat li jorbot liż-żewġ partijiet u li minnu joħroġ li PSA ma tistax titgħabba bil-ħtija tal-appellanti;

4. L-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin biex waslet għas-sentenza appellata:

"*Ikkunsidrat:*

*"8.0. Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` intimata tissolleva s-segwenti kwistjonijiet preliminari li jimmeritaw l-attenzjoni tal-qorti f'dan l-istadju:*

*"8.1. L-insostenibilita` ta' l-azzjoni odjerna;*

*"8.2. Il-Preskrizzjoni; u*

*"8.3. Ir-res iudicata;*

*"Ikkunsidrat:*
*"9.0. Illi biex ikunu jistghu jigu indirizzati l-imsemmija kwistjonijiet ta' natura preliminari hu ghaqli li l-ewwel jigu sintetikament esposti l-fatti allegati mill-kontendenti, liema fatti jistghu jigu esposti bil-mod segwenti:*

*"9.1. Illi wara li l-merkanzija in dizamina ingabret mis-socjeta` Neck (ara foll 20), (recte NEC) Solutions (ara foll 24), din giet spedita lejn Malta mill-Amerika, fl-14 t'Awwissu, 2003, mis-socjeta` Expeditors, (ara foll 23);*

*"9.2. Illi jirrizulta li l-merkanzija de quo tghabbiet fuq l-Alitalia, (ara foll 21 u 26), u twasslu Malta fis-27 t'Awwissu, 2003, (ara foll 27);*

*"9.3. Illi fit-28 t'Awwissu, 2003, inhareg ic-certifikat li jelenka d-danni riskontrati fil-merkanzija in dizamina, (ara foll 21 u 28);*

*"9.4. Illi sussegwentement giet intavolata procedura legali mis-socjeta` assikuratrici involuta, datata l-1 ta' Gunju, 2004, (ara foll 113), stante li wara survey appozitu datat is-16 t'Ottubru, 2003, (ara foll 81), din is-socjeta` assikuratrici hallset l-ammont ta' danni sofferti mis-socjeta` importatrici,(ara foll 81);*

*"9.5. Illi permezz ta' sentenza datata l-11 ta' Novembru, 2013, il-vertenza in dizamina kienet deciza kontra s-socjetajiet illum kontendenti, (ara foll 113 et sequitur);*

*"9.6. Illi ma jirrizultax li kien hemm appell mill-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"10. Illi in vista ta' l-elenku sintetiku procedurali fuq espost hu issa ghaqli li jigu indirizzati l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari fuq indikati;*

*"Ikkunsidrat:*

*"11.0.* ***L-Insostenibilita` ta' l-Azzjoni:***

*"11.1. Illi din il-kawza hi intiza biex timla l-vojt mahluq min-nuqqas tas-socjeta` intimata li tintavola appell appozitu wara s-sentenza tal-11 ta' Novembru, 2013, fuq riferita;*

*"11.2. Illi l-procedura hawn intavolata mis-socjeta` rikorrenti tirrizulta li qed tipprova timla l-vojt hemm riskontrat meta l-istess socjeta` halliet il-perjodu ta' l-appell minn dik is-sentenza jghaddi inutilment billi baqghet inattiva;*

*"11.3. Illi ghandu jkun pacifiku li din il-procedura qed tittenta timla dan il-vojt meta hi qatt ma tista` taghmel dan ghaliex altrimenti tkun qed tistieden lil din il-qorti tagixxi fil-kwalita` ta' qorti ta' l-appell liema kwalita` ma tappartjenix lilha;*

*"11.4. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti tqis li s-socjeta` intimata pprovat din l-ewwel eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"12.0.* ***Il-Preskrizzjonijiet sollevati:***

*"12.1. Illi l-preskrizzjonijiet sollevati sintetikament jirrigwardjaw dik biennali u dik kwinkwennali, (ara paragrafu numru tnejn punt disgha, (2.9.), aktar qabel);*

*"12.2. Illi tenut kont ta' dak rigwardanti l-ewwel risposta preliminari, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel), il-perjodu operattiv li fih is-socjeta` rikorrenti setghet tagixxi b'success kien jibda mid-data li fih gie skopert id-dannu riskontrat fil-merkanzija de quo, senjatament, fit-28 t'Awwissu, 2003, meta nhareg ic-certifikat li jelenka d-danni riskontrati, (ara foll 28);*

*"12.3. Illi in vista tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-perjodu statutorjament impost fl-artikli tal-Kodici Civili fir-rigward jirrizultaw abbundantement skaduti meta pparagunati mad-data tat-3 ta'*

*Dicembru, 2013, data ta' meta giet intavolata l-procedura odjerna, (ara foll 1);*

*"12.4. Illi konsegwentement din il-qorti tqis li s-socjeta` intimata pprovat din it-tieni eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"13.0.* ***Ir-Res Iudicata:***

*"13.1. Illi din l-eccezzjoni tinhtieg il-konkors ta' tlett (3) rekwiziti:*
*"13.1.1. L-istess persuni – eadem personae;*
*"13.1.2. L-istess oggett – eadem res; u*
*"13.1.3. L-istess kawzali – eadem causa petendi;*

*"13.2. Illi kif gie ritenut mill-****Prim' Awla tal-Qorti Civili*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Innocenza Debattista et vs. Giovanni Farrugia****, datata t-****13 ta' Frar, 1958, Volum XLII. II. 918****:*

> *"Ghalhekk, ghall-akkoljiment tal-imsemmija eccezzjoni, irid jigi stabbilit li d-decizjoni gia` imsemmija ... giet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni li huma partijiet f'din il-kawza, u li kellha bhala oggett u kawzali dawk l-istess dedotti f'din il-kawza";*

*"13.3. Illi kif tkompli l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti meta tikkwota d-****Digesto Italiano, Vol VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para 58****:*

> *"... che la domanda corra fra le medesime parti, e che sia proposta da esse e contro di esse nella medesima qualita`. La cosa giudicata consiste in una verita` puramente relativa, si restringe per conseguwnza alle persone fra le quali e` stato pronunziato il-giudicato";*

*"13.4. Illi ghandu ghalhekk jirrizulta pacifiku li s-sentenza fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Limited vs. Allfreight Limited et (Rikors Numru 401/2004) (ara foll 113 et sequitur) hu pronunzjament gudizzjarju vinkolanti kemm fuq is-socjeta` intimata, s-socjeta` Allfreight Limited, hawn rikorrenti, kif ukoll fuq is-socjeta` hemm kjamata in kawza Palm Shipping Agency Limited, hawn intimata, (ara foll 113);*

*"13.5. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` intimata pprovat ukoll din it-tielet eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"14. Illi in vista tal-premess rigwardanti t-tlett (3) eccezzjonijiet preliminari fuq ezaminati u decizi jkun ghal kollox superfluwu li jigi investit il-mertu in dizamina u konsegwentement tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess*";

5. L-appellanti ħassitha aggravata mis-sentenza appellata u b'Rikors imressaq minnha fis-26 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' PSA, tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra PSA;

6. Illi permezz ta' Risposta tal-21 ta' Diċembru, 2015, PSA laqgħet għall-imsemmi appell billi qalet li din il-Qorti għandha tiċħad l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba telf ta' merkanzija li nġarret minn barra għal Malta. Il-kumpanija li xtrathom (BDS Limited) ressqet *claim* mal-kumpanija assikuratriċi tagħha (GasanMamo Insurance Limited) dwar dak it-telf, u din, wara li ħallset il-kumpens lill-assikurata tagħha BDS, daret fuq l-appellanti b'kawża għad-danni. F'dik il-kawża, PSA issejħet fil-kawża fuq talba tal-appellanti. B'sentenza tal-

11 ta' Novembru, 2013, l-appellanti nstabet responsabbli għat-telf tal-merkanzija billi kienet hi li tqabbdet biex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex il-merkanzija tinġarr lejn Malta, dan minkejja li PSA (imsejħa f'dik il-kawża) kienet tqabbdet mill-appellanti biex iġġorr il-merkanzija. Dik is-sentenza wkoll ħelset lil PSA mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dik is-sentenza saret ġudikat billi ma sarx appell minnha. B'din il-kawża tal-lum, l-appellanti trid li l-Qorti ssib li PSA kellha tagħmel tajjeb għad-danni li hija ġarrbet permezz tas-sentenza tal-11 ta' Novembru, 2013, flimkien mal-imgħax u spejjeż oħra marbuta magħha. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa minn PSA, u sabet l-azzjoni bħala waħda mhux sostenibbli; li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni, kif ukoll li l-azzjoni kienet milquta mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija f'Novembru tal-2013;

10. Illi l-appellanti qajmet **tliet aggravji** mis-sentenza appellata u jolqtu kull wieħed mis-sejbiet tal-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju jikkontesta d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li l-kawża mressqa ma kinitx waħda li setgħet issir ("insostenibbli"); it-tieni aggravju jisħaq li l-kawża ma kinitx waqgħet bil-preskrizzjoni; filwaqt li t-tielet aggravju jikkontesta s-sejbien li l-kwistjoni mertu tal-kawża kien milqut bil-ġudikat;

11. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti warrbet għal kollox ir-raġunijiet mogħtija minn PSA fit-Tweġiba Maħlufa

marbuta man-nuqqas ta' sostenibilità tal-azzjoni u, minflok, tat interpretazzjoni u tifsira ġdida għal dik l-eċċezzjoni li lanqas kienet f'moħħ min qajjem l-eċċezzjoni nnifisha. Hija żżid tgħid li l-ewwel Qorti qatgħet l-eċċezzjoni billi attribwiet lill-appellanti mottivi ħżiena għaliex ressqet din l-azzjoni, minflok appellat mis-sentenza mogħtija f'Novembru tal-2013, u dan minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[2] l-appellanti kienet fissret b'reqqa x'kienu r-raġunijiet li wassluha biex tressaq din il-kawża u kemm l-ewwel eċċezzjoni ta' PSA ma kinitx mistħoqqa;

12. Illi għal dan l-aggravju, PSA tilqa' billi tgħid li l-ewwel Qorti għarblet tajjeb iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Itenni li r-raġunijiet li tat l-ewwel Qorti biex wassluha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni kienu l-istess raġunijiet li PSA tenniet fis-sottomissjonijiet tagħha bħala l-mottiv li wassluha biex l-appellanti timposta t-talbiet tagħha b'dak il-mod[3]. Iżżid tgħid li sentenza ta' Qorti li ssib ħtija f'parti mħarrka ma tistax isservi biex titqies hija nnifisha bħala l-kawża ta' dannu biex iwassal lil dik il-parti tfittex lil ħaddieħor biex jerfa' dik il-ħtija;

13. Illi minn qari tas-sentenza appellata, jidher li l-ewwel Qorti qieset l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa minn PSA fuq il-fatti proċedurali li l-istess Qorti elenkat bħala konsiderazzjonijiet taħt il-paragrafu 9, fosthom il-fatt li l-appellanti ma ressqitx appell mis-sentenza tal-11 ta' Novembru,

[2] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-appellanti f'paġġ. 158 – 9 tal-proċess
[3] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' PSA f'paġġ. 172 u 173 tal-proċess

2013. Fil-paragrafu 10 l-ewwel Qorti tkompli ttenni "*Illi in vista ta' l-elenku sintetiku proċedurali fuq espost hu issa għaqli li jiġu indirizzati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fuq indikati*". Biex jingħad kollox, PSA kienet inqdiet b'żewġ eċċezzjonijiet preliminari biex tgħid li l-azzjoni tal-appellanti kienet "legalment insostenibbli" u għalkemm l-ewwel Qorti qatgħetha li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari[4], jidher li laqgħet it-tnejn li huma. L-ewwel eċċezzjoni preliminari kienet tgħid li l-azzjoni tal-appellanti kienet "legalment insostenibbli" u "manifestament frivola u vessatorja" għaliex biha l-appellanti kienet tippretendi li PSA tkun dikjarata responsabbli u ikkundannata tħallas danni mġarrba b'riżultat ta' sentenza tal-Qorti; fit-tieni eċċezzjoni preliminari, PSA qalet li l-azzjoni attriċi kienet "legalment insostenibbli" għaliex deċiżjoni ta' Qorti ma tista' qatt titqies li hija l-kawża ta' dannu lill-parti l-oħra fil-kawża;

14. Illi din il-Qorti tqis li huwa minnu li, fis-Sottomissjonijiet tagħha, l-appellanti qajmet l-argument li r-raġuni aħħarija wara l-mod kif kellha tressaq il-kawża u t-talbiet li għamlet fiha kien maħsub li jwettaq dak li ddeċidiet is-sentenza tal-11 ta' Novembru, 2013, u li dan għamlitu qabel ma jagħlaq iż-żmien li fih setgħet issir. Imma trid tqis ukoll it-termini li fihom PSA sawret l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha. Dawk l-eċċezzjonijiet jagħmluha ċara x'kienet ir-raġuni miġjuba 'l quddiem mill-eċċipjenti PSA biex tgħid għaliex l-azzjoni tal-appellanti kienet tqisha

[4] § 11.4 tas-sentenza appellata

bħala waħda mhix proponibbli. Il-Qorti tqis ukoll li huma eċċezzjonijiet imfissra u artikolati u mhux mitfugħa għal riħhom b'mod vag, bħalma bosta drabi jsir f'eċċezzjonijiet imressqin f'għadd ta' każi oħrajn. Qari xieraq ta' dawk l-eċċezzjonijiet juri li d-difiża mressqa fihom tgħid li sentenza ma tistax tkun minnha nfisha raġuni għaliex il-parti telliefa tfittex lil parti oħra għad-danni u għaldaqstant l-azzjoni la hija sostenibbli u wisq anqas tagħmel lill-intimata leġittima kontradittriċi fil-kawża;

15. Illi Qorti hija marbuta bit-talbiet u bl-eċċezzjonijiet kif imressqa mill-partijiet, u meta tagħżel li tilqa' talba jew eċċezzjoni huwa mistenni li tagħmel dan fuq is-saħħa ta' dak li jkun mitlub jew eċċepit. Minn qari tas-sentenza appellata, jidher li r-raġuni li fuqha l-ewwel Qorti laqgħet dawk l-eċċezzjonijiet kienet li, b'din il-kawża, l-appellanti qed tittanta timla vojt li ħolqot hi stess billi naqset li tressaq appell mis-sentenza mogħtija f'Novembru tal-2013. Dik ir-raġuni bl-ebda mod ma taqa' fil-qafas tal-eċċezzjonijiet kif imressqa, u għalhekk, meta l-ewwel Qorti laqgħet dawk l-eċċezzjonijiet, ma laqgħethomx għall-għan li għalih ingħataw imma dwar ħaġa oħra li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet semmiet. Din il-Qorti tqis li, fis-sentenza mogħtija f'Novembru tal-2013, il-Qorti nnifisha kienet espressament ħasbet fil-possibilità "għal kull dritt ta' rivalsa li Allfreight jista' jkollha kontra s-subkuntratturi tagħha". L-appellanti tgħid li kien sewwasew minħabba f'hekk li fetħet din il-kawża kontra PSA u li l-

proponibbiltà tagħha kienet saħansitra prevista mill-Qorti l-oħra fl-imsemmija sentenza;

16. Illi, meħud qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u lil hinn minn kull kwistjoni ta' siwi fil-mertu tal-azzjoni promotriċi, il-Qorti tasal għall- fehma li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa tajjeb u jistħoqqlu jintlaqa';

17. Illi **t-tieni aggravju** tal-appellanti jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ir-raba' eċċezzjoni) li l-ewwel Qorti laqgħetha wkoll. L-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti sabet li l-azzjoni hija preskritta taħt id-dispożizzjoni tal-Artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, mingħajr ma qieset jekk l-azzjoni hijiex waħda ta' danni li għaliha japplika l-Artikolu 2153 jew riżultat ta' relazzjoni kummerċjali, f'liema każ japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Ittenni li l-ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt li PSA kienet parti fil-kawża li wasslet għad-deċiżjoni tal-11 ta' Novembru, 2013, u li f'dawk il-proċeduri PSA kienet inħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju. Tgħid li f'ċirkustanzi bħal dawk, kien jgħodd l-Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili u l-ewwel Qorti naqset li tħaddem dawk id-dispożizzjonijiet u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni ta' PSA b'mod żbaljat;

18. Illi għal dan l-aggravju, PSA tilqa' billi tgħid li l-appellanti baqgħet sa l-aħħar ma ċċaratx in-natura tal-azzjoni tagħha. Minkejja dan, il-Qorti waslet għall-ġudizzju tagħha wara li ħadet qies tal-fatt li l-azzjoni tressqet

kontriha disa' snin wara l-inċident. Ittenni li l-Artikolu 2132 ma jgħoddx għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha għaliex il-fatt li PSA kienet issejħet fil-kawża (dik maqtugħa bis-sentenza ta' Novembru tal-2013), ma jwassalx għall-ksur tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili;

19. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-azzjoni tal-lum tissejjes espressament fuq il-kawża li nqatgħet bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, u fuq l-effetti tagħha, u li fiha l-istess appellanti kienet il-parti mħarrka telliefa u PSA l-parti msejħa fil-kawża li nħelset mill-ħarsien ta' dak il-ġudizzju. Għalkemm l-appellanti ma tfissirx fuq liema kawżali hija tippretendi l-ħlas ta' danni mingħand PSA f'din il-kawża, joħroġ ċar li dik il-kawża (mibdija minn terza persuna) kienet imsejsa fuq id-danni kuntrattwali li l-appellanti kienet mixlija li taħti għalihom, filwaqt li din il-kawża tressqet bħala azzjoni ta' rivalsa kontra PSA. PSA ressqet l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni kemm fuq iż-żmien preskrittiv maħsub għall-ħtija delittwali (l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili) u kif ukoll dak li jgħodd għall-ħtija kuntrattwali (Artikolu 2156(f));

20. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li s-sejħa fil-kawża ta' PSA fil-kawża maqtugħa f'Novembru tal-2013 ma kinitx biżżejjed biex tissospendi jew tikser iż-żmien ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-appellanti seta' kellha kontriha. Dik il-kawża kienet tirrigwarda pretensjonijiet minn terza persuna u mhux pretensjonijiet tal-appellanti. Bis-sejħa fil-kawża,

PSA kienet imdaħħla twieġeb għall-pretensjonijiet ta' dik it-terza persuna u mhux għall-pretensjonijiet tal-appellanti. U meta l-Qorti sabet li PSA ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tat-terza persuna, il-ħelsien ta' PSA mill-ħarsien ta' dak il-ġudizzju temm kull rabta ta' responsabbiltà tagħha fir-rigward ta' dawk il-pretensjonijiet[5]. Madankollu, l-appellanti ma tistax tinqeda bl-eżistenza ta' dik il-kawża biex tgħid li ż-żmien preskrittiv tal-pretensjonijiet tagħha kontra PSA kien sospiż ukoll. Meta parti mħarrka (bħalma kienet l-appellanti fil-kawża l-oħra) ssejjaħ fil-kawża parti oħra, ma ssirx il-parti attriċi u l-pretensjonijiet tal-attriċi ma jsirux il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-parti hekk imsejħa, għaliex il-parti msejħa fil-kawża bil-liġi għandha l-kwalità ta' parti mħarrka fil-konfront tal-pretensjonijiet attriċi u mhux ta' xi parti mħarrka oħra[6]. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, biex l-appellanti setgħet tħalli ħajja l-pretensjonijiet li seta' kellha kontra PSA, riedet hi tieħu ħsieb tinqeda b'dawk il-meżżi maħsuba mil-liġi biex tikser il-preskrizzjoni li kienet miexja favur PSA. Mill-atti ma joħroġx li l-appellanti qatt interpellat lil PSA b'xi att ġudizzjaru biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet li ressqu kontriha B.D.S. Limited jew l-assikuratriċi surrogata fil-jeddijiet tagħha;

21. Illi, b'mod partikolari, din il-Qorti ma tarax kif jista' jgħodd għall-każ dak li jipprovdi l-Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili, kif tippretendi l-appellanti.

---

[5] Kumm. **10.3.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin pro et noe v. Micallef noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.834**)

[6] Art. 962 tal-Kap 12

Jidher li hija tistrieħ fuq is-sub-inċiż (2) ta' dak l-artikolu. Fil-fehma tal-Qorti, kienet tista' tagħmel dan jekk kemm-il darba l-kawża maqtugħa f'Novembru tal-2013 kienet kawża mibdija minnha u mhux kawża miftuħa kontriha, bħalma hu l-każ. Dak is-subinċiż jagħmilha ċara li jgħodd għal meta "l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib 'il quddiem it-talba". Bħal kull dispożizzjoni tal-liġi li titkellem dwar il-preskrizzjoni, it-tifsira li trid tingħata lill-kliem tal-artikolu msemmi għandha tkun waħda restrittiva wkoll fejn jidħlu kwistjonijiet ta' ksur tal-preskrizzjoni[7]. Huwa ċar li l-Artikolu 2123(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħodd fejn attur jista' jressaq kawża mill-ġdid[8] u mhux fejn l-imħarrek tellief iressaq azzjoni ġdida ta' rivalsa kontra ħaddieħor;

22. Illi kif intwera aktar 'il fuq, l-appellanti ma kinitx, fl-ewwel kawża, il-parti attriċi u l-ħelsien ta' PSA mill-ħarsien tal-ġudizzju f'dik il-kawża ma kienx ħelsien mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tal-appellanti, imma fir-rigward ta' B.D.S. Limited u tal-assikuratriċi tagħha. F'din il-kawża tal-lum, l-appellanti ma kinitx qiegħda terġa' ġġib 'il quddiem it-talba, għaliex ma kienet għadha qatt qabel ressqet talba ġudizzjarja kontra PSA bħal dik li għamlet fil-kawża tal-lum. F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet ta' PSA jistħoqqilhom jintlaqgħu;

---

[7] App. Ċiv. **22.11.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon v. Ċilia et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.409**)

[8] Ara, fost oħrajn, App. Ċiv. **13.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Sullivan et noe v. Dimech*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1072**) u P.A. AE **30.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Thomas Żahra et v. Joseph Cassar et*** (mhix appellata)

23. Illi b'effett ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, joħroġ li meta l-appellanti fetħet din il-kawża, kien laħaq għalqilha ż-żmien biex tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra PSA. Dan jgħodd kemm jekk l-azzjoni tagħha ssejset fuq il-ħtija delittwali u kif ukoll jekk fuq dik kuntrattwali. Għalhekk l-ewwel Qorti ma qalitx ħażin meta sabet li l-azzjoni tal-appellanti kienet waqgħet bil-preskrizzjoni, u fuq is-saħħa ta' dan l-aggravju tal-appellanti mhux se jintlaqa';

24. Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru dwar it-tieni aggravju, ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tgħaddi biex tqis it-**tielet aggravju**. Tagħraf, iżda, li dak l-aggravju kien mistħoqq għaliex is-sentenza mogħtija f'Novembru tal-2013 ma tikkostitwix l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex tista' titqies li tagħmel ġudikat għall-azzjoni mressqa mill-appellanti. F'dan ir-rigward, PSA ukoll ma tantx tikkontesta dan l-aggravju. Madankollu, din ir-riżultanza ma tibdilx l-eżitu ta' dan l-appell ladarba t-tieni aggravju dwar il-preskrizzjoni m'huwiex se jintlaqa';

**Deċide:**

25. Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** billi tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravji mressqa mill-kumpanija attriċi appellanti, imma tiċħad it-tieni aggravju u għalhekk

tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Novembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi **tħassarha** fejn laqgħet l-ewwel, it-tieni u s-sitt eċċezzjonijiet u, minflok, tiċħad l-istess eċċezzjonijiet u **tikkonfermaha** għall-bqija u ssib li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bil-preskrizzjoni; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** ta' dan l-appell jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm